# Kapitlu 7: Għall-Maħfra u r-Rikonċiljazzjoni

1. **Ġesù u l-midneb**:
    - **Ġesù juri interess speċjali fil-midinbin.** F'kuntrast mal-mexxeja reliġjuża ta' żmienu li kienu jwarrbu lil midinbin, Ġesù kien **ifittixhom, jiekol magħhom u jaħfrilhom**.
    - Ġesù jgħid li **bħal tabib li jiġi għall-marid u mhux għal min hu b'saħħt, hu ġie għall-midinbin**.
    - Quddiem l-akkużi tal-Fariżej, Ġesù ma tax kas.
    - Ġesu huwa l-prova li **Alla ħabbna qabel ma stajna ntuh xi ħaġa** – Hu ġie biex ifittex lil min intilef.
    - **Il-maħfra ta' Ġesù ġabet bidla mill-qiegħ fil-midinbin li ġew maħfura**: Żakkew jagħti lura dak li seraq għal erba' darbiet aktar u nofs ġidu ried jagħtih lil foqra, Levi/Mattew, isegwi 'l Ġesù…
    - **Ġesu ħabbeb lura lilna l-midinbin ma' Alla bil-mewt u l-qawmien tiegħu.**

2. **Ġrajjiet li fihom Ġesù ħafer id-dnubiet**:
    - **Ġesù u Levi (magħruf ukoll bħala San Mattew)**: Levi kien pubblikan u Ġesù sejjaħlu biex jimxi warajh. Dak telaq kollox u mar. Meta kien għall-ikel miegħu, kien hemm bosta pubblikani u midinbin u l-Fariżej kritikaw lil Ġesù li kien qed jiekol magħhom. Ġesù qalilhom li hu ġie għal midinbin, bħal ma tabib ma jiġix għal b'saħħithom imma għall-morda.
    - **Ġesù u Żakkew**: kien hemm raġel qasir li kien jismu Żakkew u li kien kap tal-pubblikani. Biex jara 'l Ġesù għaddej fit-triq tela' fuq siġra. Ġesù qallu jinżel għax dakinhar kellu jmur jiekol għandu. Żakkew niżel ferħan u wiegħed lil Ġesù li jrodd lura għal erba' darbiet kull ma seraq u jagħti nofs ġidu l-foqra.
    - **Ġesù u l-mara li nqabdet fl-adulterju**: xi Fariżej ġabu quddiem Ġesù, mara li nqabdet fl-adulterju. Staqsewh għandhomx iħaġġruha kif kienet tgħid il-liġi tagħhom. Ġesù qalilhom biex min m'għandux dnub jitfgħalha l-ewwel ġebla. Dawk kollha telqu. Ġesù lanqas ma kkundanna u qalilha tmur u ma tidnibx iktar.